MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 217/2011

**GO p.l.c. (C-22334)
Vs
Ben Christopher Cassano (K.I. 126402L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija w erbatax-il ewro, tmienja u sebghin centezmu (€814.78) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma’ servizzi moghtija mis-socjeta’ attrici skont kif jirrizulta mill-anness dokument mmarkat Dok A, kif ukoll ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ ndadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-ahhar pagament u cioe’ mill- 1 ta’ Marzu, 2010 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit- 18 ta' Novembru, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta` attrici u dan bl-ispejjez bl-interessi mid-data tal- 1 ta' Marzu, 2010 sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------